L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: 10 ta' Settembru 2004

# Il-Missier u l-Iben

Smajna hafna fil-lettaratura dwar il-misier u l-iben. Hija relazzjoni li titnissel mid-demm izda mhix xi haga biss biologika. Hija wkoll relazzjoni ta' drawwa u trobbija. L-affinita' bejn missier u iben twassal ghal relazzjoni differenti minn kwalunkwi relazzjon ohra. U jekk kwalunkwe relazzjoni igiet kontestata li hija dejjiema, b'refeenza specjali ghar-relazzjoni bejn ragel u mara fiz-zwieg, fi sminijeitna – ir-relazzjoni bejnil-misier u l-iben (bhar-relazzjoni bejn l-omm u l-iben) qatt ma ntmesset.

Fil-Bibbja stess tintuza l-metafora tal-missier u ta' l-iben. U kittieba kbar u klassici wzaw il-qafas tal-familja u l-patriarkija. Wahda mill-kitbiet tal-Binnja proprju tiffoka fuq it-tnissil ta' Ges Kristu sa minn zmien David.

Pero' mhix biss il-Bijja li tuza din is-sistema. Per ezempju l-awtur klassiku u kontroversjali (m'ghandniex xi nghidu) Francis Rabelais fil-parodija tieghu 'Gargantua et Pantagruel' (li hadd m'ghandu jitlef li jaqra) jghidilna kif sari t-tnissil ta' dawn il-missir u l-iben li sabulu post fl-istorja tal-letteratura Franciza kif ukoll f'dik Ingliza permezz tat-traduzzjoni taghha. Fil-kaz ta' Rabelais iz-zewg karattri li jigqghuk bid-dahk iwaqqghu ghaz-zufjett is-socjeta' gholja ta' zmienu u jirredikulawha. Izda fil-eita' hafna milli qal kien verita' minkejja c-censuri kollha li sofra.

Fir-realta' wkoll il-formula missier u iben insibuha hafna. Per ezempju fil-politika Amerikana insibu lil zewg Bush – it-tnejn presidenti ta' l-aktar pajjiz influwenti fid-dinja li juruna li hemm certi linji patriarkali li ghadhom jinfluwenzaw bis-shib is-socjeta' u l-hsieb ta' zminijietna.

U dan mhux biss. Certu familji anke lokalment mexxew lil pajjizna ghal tul ta' zmien. Bir-rispett kollu lejn dawn il-familji jekk inharsu lejn l-elenki ta' kandidati, membri parlamentari, imhallfin u magistrati, kapijiet ta' dipartimenti u mexxejja ohra f'pozizzjonijiet ohra nindunaw li hafna huma bl-istess kunjom.

Dan jista' jisgri ghax forsi jkun hemm xi superjorita' mit-trobbija nnifisha ta' l-iben mill-missier, zijeit, kugini ecc., tohrog kultura politika jew mod iehor. Jista' wkoll jaghti l-kaz li l-missier ma jkunx ghallem lit-tifel biss fuq matematika jew gografija, izda wkoll fuq politika u ghalhekk it-tieni jew it-tielet generazzjoni tkun qieghda sserrah fu qil-pijunier.

Jekk imbaghad wiehed ihares lejha negattivament forsi wiehe djista' jakkuza lil dawn il-familji b'nepotizmu. Pero' zgur li b'nepotizmu nkorraggit mill-voti tal-poplu.

Il-fatt hu li l-familja li titwieled fiha (li hija l-unika haga li bniedem zgur li m'ghandu l-jedd qatt li jaghzel) tiddetermina l-kumplament ta' hajtek u tpoggik mall-ewwel f'vantagg jew fi zvantagg.

Ir-relazzjoni missier u iben tnissel ukoll wahda mill-ikbar imhabbiet. Imhabba li ma tintefa' qatt u protezzjoni assoluta mill-missier lejn l-iben.

L-inqas li jsita' jaghmel l-iben huwa li jimxi fuq l-istess passi tal-missier u jroddlu rispett u jemmen fih.

Ir-relazzjoni ta' bejn missier u iben tnt hija solenni li lanqas f'kazijiet estremi bhal f'kazijiet fejn il-missier jew l-iben ikkommettew xi atti kontra s –socjeta' fil-kaz tad-dritt penali ma tista' l-istess Qorti ggieghel lill-missier jixhed kontra l-iben jew kontra. Fid-dritt penali wkoll f'kazijiet fejn il-

missier jikkommetti reqt penali kontra l-iben jew kontra, il-kastig jigi wkoll aggravat – jigifieri l-parti l-hatja tiehu kastig ikbar ghax proprju tkun qieghda tmur kontra dak li s-socjeta' tistenna minnha – jigifieri flok tipprotegi tkun hi i tghmel ir-reat. Fid-dritt civili mbaghad ir-relazzjoni paternalistika ma tintemmx kif gieb u lahaq. Kulhadd jaf kemm hu difficli li misier jitlef il-kustodja tat-tfal totalment. Fid-dritt civili wkoll it-tfal ghandhom jirtu lill-missier ad eskluzjoni ta' kwalunkwi relazzjoni ohra permezz tal-legittima tintilef biss hija meta proprju jkun hemm abbandun fi zmien ta' bzonn jew reati mill-iben lejn il-missier.

F'kazijiet differenti, bhal per ezempju, fejn imhallef ikollu jiddeciedi kawza ta' qraba tieghu u ohrajn fil-politika jissemma dak li nghidulu kunflitt ta' interess – dan uwa proprju meta bniedem f'pozizzjoni gholja jkollu jcedi postu ghax ma jkunx jista' (jew ghallinqas ikun difficli hafna) jiddistakka ruhu mill-fatt li min se jibbenefika mid-decizjoni tieghu tkun persuna li ghandu relazzjoni personali ntima maghha.

Fi kiem iehor ghalkemm illum id-dinja kollha ddecidiet (barra ahna) – li r-relazzjoni taz-zwieg tisa' tispicca – l-affinita' bejn missier u iben / bint) lanqas biss intmesset u baqghet dejjem hemm.

Hadd ma jistenna li l-iben jghid kontra l-missier u dawk it-tfal li ghamlu hekk gew kundannati u saru oggett ta' misthija. Izda ironikament hawn min mid-dehra jistenna, ghal skopijiet politici, li l-iben taparsi jkun kontra l-missier.

F'dawn l-ahhar zminijiet smajna kif il-KSU fl-Universita' tat is-suggerimenti taghha dwar kif ghandha tkun riveduta s-sistema ta' l-istipenji (li ghall-konvenjenza ghadha tissejjah stipendji bl-istess mod kif ghal konvenjenza hafna spejjez ohra m'humiex jissejhu taxxi). Apparti li l-KSU ghamlet stharrig biex tqalla' l-Maltacom b'kemm jiswew 350 telefonata biex tikkonerma li 12.4% ta' l-istudenti kieku jkomplu l-istudji taghhom kieku l-mizata biex tattendi l-Universita' tkun ta' Lm1,500 fis-sena , apparti l-fatt li qalet li kieku 64% jattendu xorta jekk il-mizata tkun ta' Lm100 (fi kliem iehor li sa Lm100  fis-sena l-istudenti qed jaccetawha wahedhom!) – il-KSU qalet li s-sistema hija antikwata xi ftit ghax ghadha ma tihux in konsiderazzjoni l-fatt li studenit barranin m'humiex qed jiehdu grants bhal dak Maltin, il-KSU qalet ukoll, permezz tal-President taghha, li kumbinazzjoni jismu Paul Gonzi, li ma tistenniex il-Gvern i jikkumpensa ghall-inflazzjoni u skuzatu bil-quddiem jekk jiehu xi decizjonijiet li m'humiex daqshekk favorevoli.

Dan kollu flok ma Paul Gonzi, minghajr ebda stharrig, qabad u qal mal-ewwel li huwa ovvju li iktar ma ssir difficli l-hajja finanzjarja l-Universita' inqas jidhlu studenti. Li l-probabbilita' hija li l-istudenti li l-familji taghhom l-inqas li jistghu jhallsulhom se jibqghu barra. Li l-istudent malti ma jippretendi l-ebda trattament ahjar mill-barrani. Li n-numru ta' studenti m'huwiex qed jonqso daqshekk ghax qed ipatti ghalih ukoll il-fatt li hafna gradwati li ma jsibux xoghol qeghdin jibqghu jistudjaw flok ma jmorru jirregistraw u li l-probabbilita' l-Universita' ma tistax ma tarax l-ewwel il-flus minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja prekarja li tinsab fiha.

Ta' min wihed isemmi li l-impjegati f'erti ufficini fl-Universita' ta' Malta sahansitra m'humiex qed jigu pprovduti b'toilet paper u qed tinghalqilhom il-provvista' ta' l-ilma. Dan huwa zgur mod kif titratta l-haddiema b'mod inuman u degradanti. Problema li ammetta wkoll Paul Gonzi hija dik tal-librerija fejn certi gurnali importnti ghal certi korsijiet lanqas biss hemm fondi biex jibqghu jigu ricevuti aktar. Dan minbarra li ilna li smajna li l-Universita' m'ghandhiex biex tixtri sahansitra ktieb wiehed.

Izda jekk wiehed irid jerga' ftit lura ghar-relazzjoni ta' bejn missier u iben – dik ir-relazzjoni romantika li tibqa' ghal dejjem ta' dejjem u li tnissel lealta' perfecta – x'qed jistennew l-istudenti universitarji? Li l-president tal-KSU jimxi kontra l-politika ta' missieru.

Il-Malti jghid "id-demm qatt ma jsir semm".. U jien nghid 'they should know better'.